MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Appell Kriminali Numru. 221/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur R. D'Anastas)**

**Vs**

**George Camilleri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-25 ta' Mejju, 2004 ghall-habta tad-21.00 hrs f'Hal-Qormi minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi ohra (mingel) kontra George Zahra minn Hal-Qormi.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 t'Ottubru, 2004, li biha,

wara li rat l-Artikolu 339(1)(b) u l-Artikolu 383 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati u qegheditu taht garanzija ta' LM100 ghal sena bl-obbligazzjoni li ma jimmolestax lil George Zahra.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 t'Ottubru 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tillibera lill-esponenti minn kull htija w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellanbt fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni skorretta tal-provi w f' kull kaz , dak li jirrizulta mill-provi ma jikkostitwix ir-reat li bih gie akkuzat l-appellant u li mill-kumpless tal-provi jirrizulta li l-appellant kien il-vittma w mhux l-attur (Sic!) tat-theddid . Li s-Surgent tal-Pulizija li nvestiga l-kaz kien xehed li rrizultalu li l-inkwilini tal-ghalqa kienu kkonfermaw mieghu li huma verament kienu awtorizzaw lill-appellant jidhol bid-demel fl-ghalqa in kwistjoni w li George Zahra m' ghandu x' jaqsam xejn ma din l-ghalqa . Li kien l-istess George Zahra li avvicina lill-appellant li kien qed jahdem bil-mingel jaqta' l-haxix hazin qabel ma jiddepozita d-demel u mhux il-kaz li l-appellant qabad il-mingell ghall-Zahra. Li l-appellant ma kienx irrejagixxa ghall-provokazzjoni da parti ta' Zahra hlief li qallu biex ma jindahalx u jhallih jaghmel xogholu. Sahansitra kien hu li mar jirraporta l-incident l-ghassa w talab il-protezzjoni tal-Ligi. Li l-arguument li kien hemm kien wiehed unilaterali b' Zahra jghajjat biex l-appellant jitlaq il-barra mill-ghalqa w l-appellant iwiegeb biex Zahra jiskot u jhallih bi kwietu jaghmel xogholu. L-argument qatt ma zvilippa ulterjorment ; ebda parti ma gholliet idejha fuq il-parti l-ohra w ebda parti ma hebbet ghall-parti l-ohra.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi f' din il-kawza l-provi mismugha mill-Ewwel Qorti jinsabu traskritti w din il-Qorti ezaminathom bir-reqqa kollha.**

**Illi l-aggravju tal-appellant hu impernjat fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-ewwl Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94]; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi **" [14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn** LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY **fil-kawza** "R. v. Cooper" **([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

***"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed." (Ara wkoll*** *BLACKSTONE'S CRIMINAL* PRACTICE **(1991) , p. 1392)**

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-**

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta …. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament . "*

**Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-unika imputazzjoni dedotta kontra l-appellant u taqbel ma l-Ewwel Qorti li mill-provi rrizulta li waqt id-diverbju li kien hemm bejn Zahra w l-appellant, dan tal-ahhar kellu mingel f' idejh u li dan intuza biex jimminaccja lill-parti l-ohra.**

**Ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti li kellha l-vantagg li semghet ix-xhieda *viva voce* u setghet taghmel ahjar l-apprezzament tal-provi.**

**Illi finalment ma sar ebda appell dwar il-piena "ut sic" u f'kull kaz mbaghad il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (ara. "**Ir-Repubbblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , "**Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.)**

Issa f' dan il-kaz l-Ewwel Qorti saggjament , ghalkemm sabet htija, kif kellha kull dritt li taghmel applikat id-dispozizzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali li tatiha s-setgha li, meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mall-piena **jew minnflok il-piena applikabbli ghar-reat**, torbot lil-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata minnha. Effettivament hi imponiet biss il-garanzija bla ma erogat xi piena ghar-reat de quo. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant ma ghandux jilmenta minn dan.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------